MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 472/2007

**Talba Nru: 472/07PBC**

**A S Construction Company Limited**
**(C-12009)**

**Vs**

**Feralfa Limited (C-30161)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' hames mija u sitt liri Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm506.87c) rapprezentanti prezz ta' xoghlijiet esegwiti fuq il-fond fi Triq l-Istasija kantuniera ma' Triq il-Mizura, fis-Swieqi, liema xoghlijiet

gew ikkommissjonati fuq struzzjonijiet ta’ l-istess socjeta’ konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ hames mija u sitt liri Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm506.87c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------